MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2003

Citazzjoni Numru. 1119/1996/1

Citazzjoni 1119/96NC

Marco Psaila et noe
vs
Domnic Chircop

Il-Qorti,
Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu, l-atturi, wara li **ppremettew**: illi l-konvenut u l-attrici Brigid Psaila kienu johorgu flimkien u hassru; illi l-Korporazzjoni Telemalta ghamlet kawza kontra l-attur sabiex ihallsu s-somma komplessiva ta' Lm73,740.15 (tlieta u sebghin elf, sebgha mija u erbghin lira maltin u hmistax il-centezmu) ghall-servizz u uzu ta' telefon numru 487187 ghall-perijodu 18 ta' Jannar 1994 sal-10 ta' April 1995 (Citazz.Nru.905/95 GCD); illi s-servizz tat-telefon numru 487187 ghall-imsemmi perijodu kien jaghmel uzu minnu l-konvenut

unikament u fil-fatt din il-linja tat-telefon kienet imqabbda fid-dar tal-konvenut f' 14 Alley 2 Rock Street, Qormi; illi l-konvenut qarraq bl-attrici u gieghla tpoggi s-servizz tat-telefon numru 4871887 fuq isimha b' ingann u qerq; illi l-attrici kienet ghadha minorenni; talbu li ghalhekk l-konvenut jghid ghaliex din il-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

**1.** Tiddikjara illi l-konvenut ghamel uzu unikament mis-servizz tat-telefon numru 487187;

**2.** Tiddikjara illi l-attrici Brigid Psaila ffirmat l-ftehim ta' servizz (service agreement) mat-Telemata Corporation meta kienet ghadha minorenni;

**3.** Tiddikjara illi dan il-ftehim gie ffirmat mill-attrici b' qerq u ingann tal-konvenut;

**4.** Tillikwida s-somma dovuta lit-Telematal Corporation minn fuq dan is-servizz telefoniku;

**5.** Tikkundanna lill-konvenut biex ihallas is-somma hekk likwidata lit-Telemalta Corporation;

**6.** Fin-nuqqas li tigi accettata l-hames talba tikkundanna lill-konvenut ihallasis-somma hekk likwidata lill-atturi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat li, ghalkemm il-konvenut huwa debitament notifikat bl-att tac-citazzjoni u bl-avviz ghas-smigh, kif jirrizulta mir-riferta datata 13 ta' Jannar 1998,[1] dana baqa' kontumaci;

Rat is-sentenza parzjali moghtija fit-18 ta' Jannar 1999 fejn din il-Qorti[2] laqghet l-ewwel tlett talbiet tal-atturi, cahdet ir-raba u l-hames talba, u astjeniet milli f' dak l-istadju tiddecidi dwar is-sitt talba *"sakemm tingieb prova dwar l-ezitu tal-kawza l-ohra msemmija f' din ic-citazzjoni"*

[1] Fol.17 tergo
[2] Diversament presjeduta

u cioe' il-kawza citazzjoni numru 905/95 fl-ismijiet *Saviour Farrugia nomine vs Marco Psaila pro.et noe*.

Rat li din l-ahhar kawza imsemmija giet defenittivament konkluza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell b' sentenza moghtija fit-8 ta' Mejju 2003;[3]

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat li fl-udjenza tal-25 ta' Gunju 2003;

Ikkunsidrat:
Illi permezz tas-sentenza parzjali moghtija fit-18 ta' Jannar 1999, din il-Qorti laqghet l-ewwel tlett talbiet attrici, u ddikjarat li *"il-konvenut ghamel uzu unikament mis-servizz tat-telefon numru 48 71 87 tiddikjara illi l-attrici Brigid Psaila ffirmat il-ftehim ta' servizz (Service Agreement) mat-TeleMalta Corporation meta kienet ghadha minorenni; u tiddikjara illi dan il-ftehim gie ffirmat mill-attrici b' qerq u ingann tal-konvenut".*

Illi ghalhekk, stabbilita r-responsabbilita' esklusiva tal-konvenut ghall-uzu tas-servizz telefoniku, kif ukoll il-fatt li l-ftehim li ffirmat l-attrici meta kienet ghadha minorenni, kien gie ffirmat b' rizultat ta' qerq u ingann da parti tal-istess konvenut; allura dana huwa unikament responsabbli ghall-konsegwenzjali hlas tal-ammont dovut lill-Korporazzjoni.

Tibqa' ghalhekk biex tigi deciza s-sitt talba attrici fejn l-atturi qed jitolbu li din l-Qorti tikkundanna lill-konvenut *"ihallas is-somma hekk likwidata"* lill-atturi. Id-decizjoni dwar din it-talba kienet giet posposta minn din il-Qorti sakemm jigi maghruf l-ezitu defenittiv tal-kawza li l-Korporazzjoni kienet ghamlet kontra Marco Psaila u bintu, l-atturi fil-kawza odjerna.

Illi fis-sentenza taghha tal-5 ta' Mejju 2000 din il-Qorti[4] iddecidiet li l-ammont li huwa dovut lill-Korporazzjoni Maltacom (gia TeleMalta) minn Marco Psaila u Brigid

[3] Fol-58 et seq.
[4] Diversament presjeduta

Psaila[5] *in solidum* huwa ta' hamsa u hamsin elf lira tlett mija u hames liri maltin (Lm55,305). Dan il-gudizzju gie konfermat u gie rez defenittiv permezz tas-sentenza tal-Onor.Qorti tal-Appell moghtija fit-8 ta' Mejju 2003[6].

Illi ghalhekk jinsab assodat li l-ammont dovut lill-Korporazzjoni huwa ta' Lm55,305 u li dan l-ammont, fir-relazzjonijiet interni bejn il-kontendenti fil-proceduri odjerni, huwa dovut mill-konvenut lill-atturi.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' s-sitt talba tal-atturi, u tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-istess atturi s-somma ta' *hamsa u hamsin elf lira tlett mija u hames liri maltin (Lm55,305)*.

Illi *l-ispejjez* jigu sopportati bil-mod segwenti: L-ispejjez tal-ewwel erba talbiet u tal-ahhar talba (1,2,3,4 u 6) jkunu a kariku tal-konvenut; filwaqt li l-ispejjez tal-hames talba (5) jibqghu a kariku tal-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[5] Konvenuti f' dik il-kawza, izda attrui fil-proceduri odjerni
[6] Supra